# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru : 261/2020 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**JT**

**Vs**

**RT**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JT datat 13 ta' Awwissu 2020, a fol 1 et seqq tal-proċess, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti żżewwġet lill-intimat RT nhar il-wieħed u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom tifla u ċioe ET li twieldet f'X u għaldaqstant hija minuri;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin għal aktar minn erba' (4) snin. Illi huma sseparaw legalment b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Maria Briffa datat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax ( 2016 ) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot għar-rikonċiljazzjoni bejniethom peress li ilhom snin mifruda u li llum għandhom ħajja totalment*

*separata minn xulxin;*

*Illi l-esponenti u l-intimat kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu jew jirċievu manteniment minn xulxin;*

*Illi s-Sur RT qiegħed iħallas b'mod regolari l-manteniment versu bintu, u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi dawk il-fatti kif premessi jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ ta' bejn RT u JT li ġie ċċelebrat nhar il-wieħed u għoxrin ta' Awwissu 2004 huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat mill-istess qorti jinnotifika lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimat minissa għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RT datata 17 ta' Novembru 2020 a fol 23 A tal-proċess, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti in linea preliminari ma għandu l-ebda oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti;*

2. *Illi r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, mhux mħluf, tgħid illi ma hemm l-ebda arretrati manteniment dovut, iżda ma huwiex ikkonfermat fl-affidavit maħluf*

*tagħha;*

3. *Illi filwaqt li mhux imsemmija fir-rikors u fl-affidavit, ir-rikorrent qed tikkonstesta l-interpretazzjoni tal-klawsola numru 7 (a) rigwardanti manteniment u qed tippretendi hemm manteniment dovut;*

4. *Illi għalhekk ir-rikorrenti għandha tiddikjara taħt ġurament illi ma hemm l-ebda arretrati dovuti sabiex jissustixxi l-element rikjest tassativament bl-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili;*

*B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-liġi.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit kif ukoll bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-partijiet ivverbalizzaw (fol 24) fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020, illi huma ma għandux oġġezzzjoni li l-intimat jiddeponi bil-lingwa Ingliża iżda ma talbux lill-Qorti tikkonduċi l-proċeduri kollha bil-lingwa Ingliża.

**Ikkonsidrat:**

**JT** xehdet (vide affidavit a fol 22) illi hija iżżewwġet lil RT fl-2004 u li huma ilhom separati de facto minn xulxin għal aktar minn erba' snin. Illi huma isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Maria Briffa, datat 23 ta' Ġunju 2016. Illi qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess, u li l-partijiet jgħixu ħajja separata. Minn dan iż-żwieġ, twieldet tifla f'X u li għalhekk għadha minorenni. Illi l-partijiet ma talbux manteniment reċiproku minn xulxin. Xehdet ukoll li RT qiegħed regolarment iħallas manteniment favur bintu minuri.

**RT** xehed ( vide fol 25) bil-lingwa Ingliża illi l-bint minuri tal-partijiet waqfet tmur skola privata. Fil-kuntratt ta' separażżjoni kien ġie imniżżel illi l-€400 manteniment fix-xahar jinkludi miżata tal-iskola. Issa minn skola privata it-tifla minuri tal-partijiet bdiet tattendi skola statali.

Għaldaqshekk huwa talab lil martu sabiex jiġi rivedut l-ammont ta' manteniment. Jgħid li huwa naqqas il-manteniment li huwa jħallas lill-martu għal bintu minuri għal €200 fix-xahar u qiegħed iħallas ukoll għall-attivatijiet extra kurrikulari.

**JT** xehdet (fol 34) bil-lingwa Ingliża illi bintha tattendi l-iskola statali Maria Regina Naxxar Primary u li qabel kienet tattendi skola privata senjatament Chiswick House School. Tgħid li l-bidla fl-iskola tat-tifla seħħet bi ftehim bejniet il-partijiet. Xehdet illi l-klawsola ta' manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tgħid li l-missier għandu jħallas is-somma ta' € 400 fix-xahar, li tinkludi fost l-oħrajn il-miżata tal-iskola privata, liema miżata issa ma għadhiex applikabbli la darba il-minuri waqqfet tattendi skola privata. Hija tgħid li la darba hemm ftehim ta' ħlas ta' € 400 manteniment fix-xahar, RT ma jistax arbitrarjament jibda jħallas is-somma ta' € 200 manteniment fix-xahar. Tixhed finalment li hija bdiet proċeduri rigward arretrati ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-intimat RT ippreżenta in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ( fol 28 ) fejn jgħid li filwaqt li fir-rikors tagħha ir-rikorrenti tgħid li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti, u fl-affidavit tagħha terġa ittenni li huwa qiegħed regolarment iħallas il-manteniment, imbagħad fix-xhieda tagħha tmur kontra dan u tgħid li filfatt hemm arretrati dovuti. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li hija fetħet proċeduri separati kontra l-intimat f'dan ir-rigward. Illi l-intimat jissottometti li skond ir-rikorrenti, l-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni mhux qed jitħallas.

Illi da parti tagħha ir-rikorrenti tisstometti illi l-intimat intavola rikors fejn huwa talab li l-manteniment tal-minuri jiġi ridott għal mitejn ewro (€200). Ir-rikorrenti JT kienet ikkontestat din it-talba u għalhekk is-somma dovuta bħala manteniment baqgħet dik ta' erba' mitt euro (€ 400) fix-xahar. Madankollu, u unilateralment, l-intimat iddeċieda li huwa jibda jħallas is-somma ta' mitejn (€ 200) fix-xahar. Kwindi kien għalhekk li r-rikorrenti iddikjarat li jitħallas il-manteniment versu l-bint. Pero hija tgħid illi hija qatt ma iddikjarat li ma hemmx arretrati ta manteniment, liema arretrati jirrelataw mal-fatt li l-intimat qiegħed iħallas biss nofs is-somma dovuta minnu skont il-kuntratt tas-separazzjoni. Tgħid ukoll li r-rikorrenti ma għandha l-ebda arretrati ta' manteniment versu bintha.

Illi r-rikorrenti tagħmel riferenza għall-artikolu 66D tal-Kodiċi Ċivili, li jistabilixxi l-eċċezzjonijiet li wieħed jista jagħmel meta l-parti l-oħra tkun talbet id-divorzju. Tgħid li l-eċċezzjoni li l-manteniment mhux jitħallas tista ssir biss jekk il-parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba tad-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut. L-attriċi tgħid li fil-każ odjern, huwa l-intimat innifsu li qed jonqos milli jħallas l-ammont totali tal-manteniment kif regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Finalment ir-rikorrenti tissottometti illi l-ħsieb wara dan l-artikolu huwa l-protezzjoni tal-vulnerabbli. Persuna ma tistax titlob id-divorzju jekk hija stess qiegħda tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha stess. Madankollu, persuna ma tistax tkun ikkastigata u ma tingħatax id-divorzju għaliex il-parti l-oħra u ċioe il-konvenut fil-kawza odjerna, mhux iħallas il-manteniment hekk dovut. Tissottmetti għalhekk illi l-intimat ma setax iqajjem l-eċċezzjoni tal-artikolu 66 D (2) għaliex l-attriċi qatt ma naqset milli tonora l-obbligi tagħha vis-a-vis manteniment. Huwa seta jqajjem biss din l-eċċezzjoni li kieku r-rikorrenti kienet obbligata tħallas manteniment u qiegħda tonqos milli tagħmel dan.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' Awwissu 2004 – dok A, fol 4, bin-numru wara l-ieħor tar-reġistru numru 77 - u li minn dan iż-żwieġ huma kellhom wild wieħed li għadha minuri

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Maria Briffa datat 23 ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax - dok B fol 5. Pero jirriżulta ukoll li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar mill-erba' snin li trid il-liġi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Jirrizultaw pero arretrati u dan kif jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi (xhieda tal-attriċi datata 19 ta' Novembru fol 34) kif ukoll minn nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-istess attriċi ( fol 30, paragrafu vi).

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti rat l-Artikolu 66 D tal-Kodiċi Ċivili.

> ***66D. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.***

*(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B( a ) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*

*(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.*

*(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha mutatis mutandis is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti pendente lite.*

*(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.*

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti is-soluzzjoni tal-vertenza indizama tinsab fis-sub inciz 2 tal-Artikolu 66 D tal-Kap. 16.

Dan l-artikolu jipprovdi zewg istanzi fejn talba ghal divorzju għandha tigi michuda mill-Qorti: u

ċioe meta hemm il-kontestazzjoni tat-talba illi:-

(1) l-partijiet ilhom anqas minn erba' snin ma jghixux flimkien; *jew*

(2) **<u>min qed jitlob id-divorzju</u>** ghandu l-obbligu li jhallas manteniment skont sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, ma jkunx hallas il-manteniment hekk ordnat jew stipulat u li kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa' ikun aktar difficli li jinkiseb il-hlas tal-manteniment li ma jkunx thallas.

Illi kif ben tajjeb tosserva fin-nota ta' sottosmissjonijiet tagħha l-attriċi (fol 30), hija ir-rikorrenti stess li qed titlob id-divorzju u li lejha huwa semmai dovut dan il-manteniment, u allura ma hemmx eċċezzjoni jew kontestazzjoni f'dan is-sens, kif trid il-liġi.

Kwindi tali nuqqas da parti tal-intimat dwar in-nuqqas tal-hlas tal-manteniment sħiħ lill-attriċi għall-binthom, m'ghandux jipprekludi l-akkoljiment tat-talba tal-attrici ghad-divorzju.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 77/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**